**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMHALLEF DR EDWINA GRIMA LLD**

**Seduta tad-29 ta' Novembru, 2018**

**Appell Kriminali Numru. 310/2017**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Nazzareno Zarb**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Nazzareno Zarb akkuzat talli nhar-is 17 ta' Marzu 2017 u fix-xhur ta' qabel kif ukoll fi żminijiet differenti ġewwa Birżebbugia:

> **(i) Ikkaġuna biża li ser tintuża vjolenza kontra Amanda Etraplsi, Kylie Etraplsi, Emeton Galea u Renson Zarb jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti ta' l-imsemmija persuna, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1);**
>
> **(ii) Ġab ruħu b'mod li kien jew li missu jkun jaf li kien ser jagħti fastidju lil Amanda Etraplsi;**
>
> **(iii) Insolenta jew hedded lil Amanda Etraplsi jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limitu tal-provokazzjoni;**
>
> **(iv) Wettaq delitt fil-preżenza tal-minuri;**
>
> **Il-Qorti giet mitluba tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna Amanda Etraplsi jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku skond il-provedimenti tal-Art 383 u 412C Kap 9 tal-Kodiċi Kriminali.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Ġunju 2017 li permezz taghha, wara li rat l-Artikoli 251A(1)(b), 251B(1), 251H(d), 339(1)(3), 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imsemmi Nazzareno Zarb ħati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet filwaqt li lliberatu mill-aħħar imputazzjoni u minflok ghaddiet biex tinfliggi piena, ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Probation għal żmien tlett snin kif ukoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni favur Amanda Etraplsi għal tlett snin ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali flimkien ma' Ordni ta' Trattament ai termini tal-artikolu 412D, ukoll għal żmien tlett snin.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Nazzareno Zarb ipprezentat fil-5 ta' Lulju 2017[1] li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermah fejn hu gie illiberat mir-raba akkuża filwaqt li tirrevoka s-sejbien ta' ħtija ghal-bqija tal-akkużi u ta' kwalunkwe piena kif imposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti:

**1. Ma kienx hemm l-elementi tar-reati dedotti.**

**Ir-reat previst fl-Artiklu 251B (1) tal-Kodici Kriminali jirreferi ghall-biza partikulari. Meta xehdet Amanda Etrapilsi u anke r-rapport li kienet tat, hija qatt ma qalet illi bezghet illi kien se jkun hemm xi vjolenza fizika fuqha. Anzi qalet illi Nazzareno Zarb kien johrog sikkina iqieghedilha fuq il-mejda u jghidilha "Tini inti jekk jidhirlek". Naturalment hija ma kienitx taghmel hekk pero' qatt ma qabad dik is-sikkina u biha hedded lilha. Allura fejn kienet din il-biza tal-vjolenza?**

**Waqt il-proceduri Nazzareno Zarb esibixxa kwantità ta' messaggi fuq Facebook fejn Amanda turi illi mhux talli ma tibzax minn Nazzareno Zarb, imma sahansitra tisfidah. Per ezempju, taf kemm ihobb it-tfal u biex twegghu tghidlu illi issa irranga meta kibru mat-ifal taz-zwieg u ghat-tfal li ghandu minnha jistenna u "mhux bizzejjed li ghandu ir-ritratti taghhom? X' irid izjed?".**

**Dan meta kien maghruf illi Amanda kienet qieghda Merhba Bik u kieku Nazzareno Zarb ried jaghmlilha xi haga kien certament jaf fejn se jsibha. Pero' ma kien l-ebda sitwazzjoni bhal din.**

**Il-kolmo huwa illi meta telqet mid-dar fejn kienet tghix qrib Nazzareno Zarb, ma marritx minhabba li saret xi vjolenza fuqha jew bit-twerwir, imma ghaliex kienet xebghet mill-attitudni tieghu fuq l-aspetti sesswali. Ghalhekk l-elementi tar-reat u tal-vjolenza ma kienux jirrizultaw sodisfacentement.**

[1] Folio 69 tal-atti proċesswali.

**Ghandu jinghad ukoll illi hadd minn nies imsemmijin fl-ewwel akkuza, cioe' Kylie Etrapilsi, Ementon Galea u Ranson Zarb ma ngiebu biex jixhdu b' xi mod quddiem il-Qrati.**

**2. Ma jezistix l-element illi gab ruhu b' mod illi ta' fastidju lil Amanda Etrapilsi. Il-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma indikat liema huwa il-fatt illi hu ta' fastidju lil Amanda. Il-fatt illi tnejn minn nies illi qeghdin f' relazzjoni bejniethom ma jfissirx illi allura jekk ikollhom xi ftit inkejja fuq is-sess u xi argument, dak kien ifisser illi qieghed jaghtiha fastidju. Il-harassment, il-kuncett tieghu huwa ferm differenti. Allahares kellha tinghata din l-interpretazzjoni ghaliex kull mara illi jkollha argument mar-ragel tista' taghmel rapport taht l-Artiklu 251 A (1) (B) tal-Kodici Kriminali.**

**3. Ma giex specifikat liema kien l-insult jew it-theddid illi sar lil Amanda Etrapilsi. La theddid u lanqas insulti. Kien ikun hemm argument bejniethom u daqs li kieku kienu mizzewgin, imma dawn ma jgibux ir-responsabbilta' kriminali. Kieku kienu mizzewgin bejniethom allura kien ikun hemm ir-ragunijiet ghall-aspett Civili imma mhux ghall-aspett Kriminali.**

**4. Dwar il-piena jew trattament.**

**Ghalhekk mill-kompless kollu, waqt illi l-Qorti kienet ma imponiet l-ebda piena karcerarja ma kienx hemm ragunijiet ghala l-istess Qorti kellha ssib il-htija tar-reati kif dedotti. Umbaghad il-kwadru kollu juri li din kienet sitwazzjoni tipika ta' mara li xebghet minn ragel, u tivvinta minn kollox biex taghti ragun lilha nnfisha ghala kienet qed titbieghed minnu.**

**Tipici huma l-kummenti taghha fuq facebook esebit mill-appellanti li juru li niedet il-liberta' taghha u mhux li joqghod jindahlilha.**

**Ghalhekk ma kien hemm bzonn l-ebda trattament ghall-esponenti.**

Rat illi matul is-seduta tal-20 ta' Settembru 2018, l-appellant ressaq aggravju ulterjuri dwar n-nullita' tas-sentenza appellata meta jilmenta illi s-sentenza kienet nieqsa mill-fatti li dwarhom l-Ewwel Qorti sabet ħtija. L-appellant jikkontendi illi l-aggravju gie sollevat tardivament ghaliex meta ingħatat is-sentenza huwa ma kellux kopja a disposizzjoni tiegħu u b'hekk ma kienx jaf il-kontenut tagħha.

Rat illi matul l-istess seduta l-Qorti ikkonċediet żmien lill-Avukat Ġenerali sabiex jagħmel nota fir-rigward tal-aggravju ta' nullita' kif debitament imqajjem, liema nota ġiet ippreżentata nhar l-10 ta' Ottubru 2018[2] .

Semghet it-trattazzjoni limitatament fir-rigward tal-aggravju tan-nullita tas-sentenza appellata.

[2] Folio 79 ta-atti proċesswali.

Ikkunsidrat:

Permezz ta' dan l-aggravju sollevat l-appellant qieghed isostni li s-sentenza appellata hija nulla u dan ghaliex ma gewx osservati r-rekwiziti rikjesti *ad validitatem* fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta l-Ewwel Qorti ma semmietx il-fatti li fuqhom kienet qed tigi imsejsa l-kundanna kontra l-appellant.

Illi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jittratta speċifikament x'għandu jkun fiha sentenza *ad validatem* jiddisponi s-segwenti:

> **"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun gie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat".**

Illi jekk wieħed janalizza l-korp tas-sentenza in kwistjoni jidher illi l-ewwel Qorti rriproduċiet l-akkużi kif debitament miġjuba kontra l-appellant u sussegwentement wara li ddikjarat li rat id-dokumenti kollha eżebiti, l-atti kollha tal-kawża u li semgħet il-partijiet, ipproċediet sabiex tikkwota l-artikoli tal-liġi applikabbli għall-akkużi mertu tal-każ, sewgieta imbaghad bid-*decide*. Is-sentenza hija nieqsa mill-motivazzjonijiet li madanakollu ma ghandhomx jigu imfixxkla mal-fatti tal-kaz imsemmija fl-artikolu tal-ligi hawn fuq iccitat.

Issa kif jirriżulta mill-ġurisprudenza nostrana kopjuża fuq dan is-suġġett partikolari, it-tifsira li l-artikolu 382 jagħti għall-fatti ma tirreferix għall-mertu per se jew għal taqsira tal-fatti bħalma nsibu fir-rekwiżiti tal-appell skond dak dispost fl-artikolu 419 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda tirreferi aktar speċifikament għall-ħtieġa tan-ness ċar bejn il-fatti u d-dikjarazzjoni tas-sejbien ta' ħtija jew ta' liberazzjoni. Allura dak li huwa rikjest huwa li l-Ewwel Qorti tkun ċara meta tippronuzja ruħha dwar fejn l-imputat ikun instab ħati jew fejn ikun ġie liberat u dwar liema akkuzi.

> **"Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi ghalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi l-appellant, il-fatti li jiggustifikaw il-kundanna ossia l-motivazzjoni. Fis-sentenza appellata l-fatti tar-reat huma effettivament elenkati fil-bidu nett. L-ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex telenka l-artikoli tal-ligi relattivi ghal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu hati wara li qalet li kienet semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id-dokumenti esibiti. Dak li kellha f'mohha l-ewwel Qorti huwa car, cioe` li kienet qed issib il-htija ghall-imputazzjonijiet kollha peress li ma ghamlet l-ebda kwalifika, u wiehed m'ghandux ghalfejn janalizza s-sentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant hati[3]."**

[3] Il-Pulizija vs Elton Abela deċiża (Imħallef David Scicluna) mill-Qorti tal-Appell Kriminali 28/01/2005.

L-istess hsieb kellha din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Keith Pace[4]”:

> **“Kif gie ritenut f'gurisprudenza kostanti sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' liema fatti sabet lill-imputat hati, jew meta minnha ma jirrizultax car ta' x'hiex l-appellant gie misjub hati, jew meta f' kaz ta' imputazzjonijiet alternattivi, l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati bla ma tghid ta' liema miz-zewg imputazzjonijiet hu hati u ghalhekk jigi li l-Qorti ma qalitx ta' x'hiex sabet lill-imputat hati, jew meta ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, hija nulla u jekk il-kawza tigi appellata, il-Qorti tal-Appell tiddikjara n-nullita' tas-sentenza.**
>
> **Meta s-sentenza originali tkun miktuba fuq ic-citazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti u mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun gie misjub hati l-imputat, il-formalizmu ma hemmx postu u ghandha tigi salvata s-sentenza, pero' dan ma hux il-kaz, ghax hawn si tratta ta' sentenza motivata u mhux miktuba fuq il-kopja tal-komparixxi li jkollha l-Qorti bhal kif jigri kwazi dejjem fil-kawzi li jinstemghu bil-procedura sommarja, u proprju hemm id-dubji fuq imsemmija”.**

B'hekk kemm fid-dawl tal-ġurisprudenza u anki fid-dawl tal-fatt li minn qari tas-sentenza appellata huwa evidenti dwar liema ‘fatti’ l-appellant gie misjub hati u minn liema huwa gie illiberat, u fid-dawl ukoll tal-fatt illi ma jidhirx li hemm xi rekwiżit iehor mehtieg *ad validatem* mankanti, dan l-aggravju qed jigi michud.

Għaldaqstant din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tiċhad l-aggravju dwar in-nullita tas-sentenza appellata u tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-appell fuq l-aggravji l-ohra sollevati mill-appellant.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur

< Sentenza In Parte >

---

[4] Deċiża nhar il-5 ta’ Mejju 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Grazio Scicluna deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta’ Marzu 2004 kif ukoll Pulizija vs Justin Gambin deċiża mill-Imħallef Lawrence Quintano nhar it-2 ta’ Lulju 2012.